**MALTA**

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta ta' 20 ta' Novembru 2018**

**Avviz Numru 210/2017**

**George & Rocco Car Centre Ltd (C 52595)**

**vs**

**W.A. Trading Limited (C33167)**

**Ali Yassine (KI 455903L)**

**Mohamad Yassine (KI 137404L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Lulju 2017 fejn talbet illi l-intimati W.A. Trading Limited, Ali Yassine u Mohamad Yassine jigu kkundannati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja inkluz dik li huma kisru l-ftehim datat 20 ta' Jannar 2016 mas-socjeta' attrici, jhasslu s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sebgha u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR 6,687.11) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' vettura Renault Megane Convertible numru ta' registrazzjoni LCR 678 li huma hadu minghand is-socjeta attrici bi ftehim ta' *hire purchase.* Bl-imghax mit-22 ta' Lulju 2016 skont il-kuntratt imsemmi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid 1206/2017, il-mandat ta' sekwestru 1203/2017, l-ittra ufficjali taht l-166A tal-Kap 12 numru 1460/2017 prezentati kontra l-konvenuta ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimati gew debitament notifikati imma baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta ghal din il-kawza filwaqt li lanqas ma dehru quddiem din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' George Buhagiar moghtija fid-19 ta' Settembru 2018.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li s-socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandiex iktar provi xi tressaq.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-intimati naqsu milli jikkontestaw t-talba odjerna. Fil-fatt, l-intimati la prezentaw risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas ma dehru quddiem din il-Qorti sabiex jikkontestaw it-talba.

Illi mill-ftehim datat 20 ta' Jannar 2016 ezebiet a fol 72 tal-process irrizulta li s-socjeta' rikorrenti waslet ghal dan il-ftehim ma' Mohamad Yassine, bl-intendiment li din il-vettura tigi registrata fuq Ali Yassine u fuq struzzjonijiet sussegwenti minghand Ali Yassine illi din il-vettura tkun registrata a favur tas-socjeta' W.A. Trading Limited. In fatti, irrizulta illi skont dokument ezebit a fol 74, ma kienx hemm oggezzjoni li Ali Yassine jakkwista l-vettura in kwistjoni ghan-nom tal-kumpannija W.A Trading Limited.

Fuq il-ftehim, gie miftiehem illi l-ammont ta' EUR 500 jithallas bhala depozitu filwaqt li l-bilanc ta' EUR 6,500 ghandu jithallas bir-rata ta' EUR 208 fl-ghoxrin jum ta' kull xahar flimkien mal-imghax ta' 8%, eskluzi l-ispejjez tal-bank u spejjez ohra.

Mil-*logbook* ta' dini l-vettura, ezebiet a fol 79, irrizulta illi is-sid registrat tal-vettura huwa W.A Trading Ltd ta' 24, Regancy, Fl 1, Triq Marku Falzun, Birkirkara u fl-istess kolonna hemm imnizzel l-isem ta' Ali Yassine bil-karta ta' l-identita' numru 0455903L.

Mix-xhieda moghtija mid-direttur tas-socjeta attrici fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, irrizulta li minn mindu nfethet din il-kawza, ma sar l-ebda hlas u u l-ammont indikat fl-istess avviz ghadu dovut flimkien ma' imghaxxijiet u spejjez legali nkorsi. Irrizulta li kien ghad fadal isir hlas ta' EUR 6,228.42 bhala bilanc tal-prezz tal-vettura u EUR 458.69c bhala mghaxx li ddekorra wara t-22 ta' Lulju 2016, oltre imghaxijiet ohra u spejjez legali (Vide ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 a fol 47 u 48).

Mill-ircevuta ezebita a fol 73, irrizulta li l-hlas ta' depozitu sar minn Ali Yassine.

Illi l-Qorti jidhrilha illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemha, it-talba tar-rikorrenti tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta. Ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

Madanakollu, din il-Qorti tqies li gialadarba din il-kawza giet imsejsa abbazi tal-ftehim *hire-purchase* li jsemmi biss lill-intimati Ali Yassine u Mohamad Yassine u fl-ebda hin ma jaghmel referenza ghas-socjeta' W.A. Trading Limited, din il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront taz-zewg intimati Ali Yassine u Mohamad Yassine.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, tikkundanna lill-intimati Ali Yassine u Mohamad Yassine solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta'sitt elef sitt mija u sebgha u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR 6,687.11) bl-imghax legali skont il-ligi mit-22 ta' Lulju 2016 sad-data tal-pagament effettiv. L -ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk relatati mal-intimata W.A. Trading Ltd, tal-mandat ta' qbid 1206/2017; il-mandat ta' sekwestru 1203/2017 u l-ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A bin-numru 1460/2017 jkunu a karigu ta' l-intimati Mohamad Yassine u Ali Yassine.

**Magistrat** **Deputat Registratur**